MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2009

Numru 65/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Anthony Cauchi, ta’ 39 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Azzopardi, imwieled Penrith New South Wales, Australia, nhar is-16 ta’ Settembru 1973, residenti fil-fond Patrick Crt, Blk B, Flt 5, Triq Dun Frangisk Mizzi, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 39702(L)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Anthony Cauchi li gie akkuzat talli nhar it-08 ta’ Gunju 2009, ghal habta tal-ghaxra u kwart ta’ fil-ghaxija (22:15hrs) gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat (Ghawdex):

1. Iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel hsara lil Mariano Cauchi (ID 27158G) akkuza din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-29 ta' Lulju 2009 sabiex dana l-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet - l-ewwel wahda hija dik prevista fl-artikolu 110 u cioe' tal-falza denunzja jew is-simulazzjoni tar-reat u t-tieni wahda hija dik ikkontemplata fl-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 u cioe' dik tal-kalumnja.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-imputat kellu problemi matrimonjali u kien qieghed jissuspetta illi Mariano Cauchi kellu relazzjoni extra-konjugali maghha. Kien ghalhekk illi fil-jum indikat fl-akkuza huwa ltaqa' ma' Mariano Cauchi u affrontah fuq dina l-kwistjoni. Jidher illi inizjalment kienet mart l-imputat li cemplet lil Mariano u staqsietu jekk l-imputat kienx mieghu ghax ratu wara l-bieb tar-residenza taghha u qaltlu biex javzah illi kienet ser iccempel lill-pulizija. Jidher illi dakinhar Mariano Cauchi u l-imputat kienu hbieb u ghalhekk dan Mariano nizel ifittex lill-imputat biex javzah b'dana l-fatt, izda meta rah hemm l-imputat qallu li xtaq ikellmu u ghalhekk irhewlha lejn ir-razzett ta' Mariano Cauchi biex jitkellmu. Meta waslu fil-post l-imputat beda jakkuzah li kellu hbiberija mal-mara tieghu u hawn bdew jargumentaw. Nel frattemp l-imputat kien

cempel lil mart Cauchi u ghalhekk din cemplet lil zewgha u staqsietu x'kien qed jigri. Mariano wegibha li kien ser jinzel ikellimha. Kif wasal hdejn id-dar tieghu kien hemm ukoll l-imputat. L-imputat jirrapporta lill-pulizija illi hawnhekk Mariano Cauchi beda jheddu, imbuttah u anke tah daqqiet fuq dahru u fuq il-vettura tieghu bil-crash helmet li kellu f'idejh. Minn naha l-ohra kemm Mariano, kif ukoll martu jsostnu illi l-imputat fl-ebda hin ma nizel mill-vettura u meta l-istess Mariano Cauchi beda jipprova javvicina l-vettura tal-imputat fis-sahna tal-argument, l-ewwel darba l-imputat saq 'l isfel filwaqt illi fit-tieni darba, irriversja ghal fuq il-parti leza tant illi dan kellu jersaq lura ghaliex altrimenti kien jolqtu u wara dan l-imputat saq minn fuq il-post. Ghar-rigward tal-*crash helmet*, ghalkemm Mariano Cauchi jammetti illi kellu l-*crash helmet* f'idejh, madanakollu jichad illi huwa ta xi daqqiet lill-imputat bih jew inkella illi xejjer xi daqqiet fuq il-vettura tal-imputat. Isostni illi dana l-*crash helmet* zelaqlu minn idejh u waqa' fl-art. Illi l-imputat jipprezenta lill-pulizija zewg stimi in konnessjoni mal-hsarat illi huwa jallega li sofra fil-vettura tieghu u certifikat mediku ghar-rigward tal-allegat griehi.[1]

Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti, il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina jekk l-istess jistghux jinkwadraw ruhhom fid-disposizzjonijiet tal-ligi li bihom l-imputat jinsab akkuzat.

<u>Illi **l-artikolu 101 tal-Kapitolu 9** jitkellem dwar i**l-kalunja jew il-falza akkuza**</u>**.**

Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija msejha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

[1] Ara Dokumenti C, D u E a fols.9, 10 u 11

Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana r-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:

"***Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.***

Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appelli Kriminali gie deciz: ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001).***

**L-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9**:

Ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja. Dana peress illi kif inghad iktar 'il fuq filwaqt illi r-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina d-disposizzjoni tal-ligi hija imsejha rejali u indiretta. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."***

Fl-ahharnett mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati.

**<u>L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat</u>**

Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz tal-Ordinanza IX tal-1911 u giet imfassla fil-maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan tal-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi jghid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:
***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the***

***alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person</u> and <u>there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally <u>the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation</u>.(sottolinjar tal-Qorti)"***

F'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi li hemm fl-atti fid-dawl ta' dak hawn fuq espost.

1. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien irrabjat ghal Mariano Cauchi ghax kellu suspett illi dan kellu xi relazzjoni extra-matrimonjali ma' martu.
2. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi fil-jum ta' dan l-incident kien hemm konfrontazzjoni bejn l-imputat u Mariano Cauchi fejn l-imputat anke cempel lil mart Cauchi sabiex jugzah b'dak li kien qed jissuspetta.
3. Illi jirrizulta mill-atti illi ftit hin wara l-incident, l-imputat baqa' sejjer dritt l-Ghassa tal-Pulizija fejn ghamel rapport mas-surgent 581 fejn akkuza lil Mariano Cauchi illi ikkagunalu feriti, kif ukoll hsara volontarja fil-vettura tieghu.
4. Illi ghalkemm l-imputat jallega mas-surgent illi Mariano Cauchi kien heddu, madanakollu meta mistoqsi x'kien il-kliem ta' theddid, huwa mbaghad qal li dan imbuttah u heddu li ser joqtlu. Is-surgent josserva wkoll illi f'dana l-hin l-imputat beda jidhaq.
5. Illi s-surgent allura abbazi ta' dana r-rapport jitolbu jipprezentalu certifikat mediku u stima tal-hsarat fil-vettura tieghu u l-imputat hekk ghamel billi ipprokura certifikat mediku u zewg stimi.
6. Illi ghar-rigward tal-feriti allegatament sofferti minnu, kemm mix-xhieda tat-tabib Coronato Grech, kif ukoll mic-certifikat mediku rilaxxjat minnu, jirrizulta illi mill-ezami mediku li sar mit-tabib fuq l-imputat, huwa ma irriskontra l-ebda griehi, ghalkemm l-imputat jallega illi kien qala' xi daqqiet b'*crash helmet*. It-tabib ighid biss illi l-imputat kellu il-polz mghaggel u kien jidher xi ftit pallidu.
7. Illi ghar-rigward tal-istima esebieta a fol.9 in konnessjoni mal-prezz ghal *side mirror*, u li l-imputat jallega li nkisritlu f'dana l-incident, Mariano Cauchi jinnegah dana l-fatt u jallega illi dina l-mera kienet ilha miksura xi hmistax-il gurnata qabel l-incident.
8. Illi ghar-rigward tal-istima imbaghad esebita a fol.10, ghalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet lil certu Anthony Saliba sid il-garaxx bl-isem Tony's Garage, dana innega illi dina l-istima kien ghamilha hu u jghid illi kieku l-istima kienet tieghu, kien ikun fiha l-logo tal-garaxx. Jiftakar illi l-

imputat kien urieh il-vettura tieghu b'xi daqqa fuqha, izda innega illi kien ghamel xi stima bil-miktub u jghid illi l-hsara kienet fuq il-*bonnet* u mhux fuq in-naha ta' fuq tal-bieba kif jallega l-imputat.

9. Fix-xhieda tieghu, l-imputat ghalkemm ighid illi Mariano Cauchi beda jattakkah u jheddu, madanakollu jidher illi donnu mhux cert ghar-rigward tal-hsarat fil-vettura tieghu ghax jibda jssemmi li kien involut f'incident iehor xi xahar wara.

10. Mariano Cauchi u martu Anita jsostnu illi l-imputat fl-ebda hin ma hareg mill-vettura tieghu u allura ma hux possibbli illi gie attakkat bil-crash helmet kif jallega.

Illi minn dina l-gabra ta' provi, il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi temmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Mariano Cauchi u martu Anita u ghalkemm jidher illi kien hemm konfrontazzjoni bejn l-imputat u dana Cauchi, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-imputat ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija fejn akkuza falzament lil Mariano Cauchi illi kien ikkagunalu feriti u wkoll li kkagunalu xi hsara volontarja fuq il-vettura tieghu, u dana kif previst fl-artikolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nlitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat, izda fuq kollox l-isfond li fih sehh dana l-incident fejn jidher illi dak li wassal lill-imputat ghal kummissjoni ta' dana r-reat huma l-problemi matrimonjali ezistenti bejnu u bejn martu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 101(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni akkuza, tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------